MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 553/2009

**FGL Broadcast and Professional Limtied (C31202)**

**vs**

**Far-Fetched Media Limited (C 23558**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ FGL Broadcast and Professional Limtied (C31202) datata 5 ta’ Gunju 2009 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi s-socjeta` intimata Far-Fetched Media Limited xtrat minghand is-socjeta` rikorrenti FGL Broadcast and Professional Limited apparat audjovisiv, liema apparat teknologiku giet mibjugha u debitament konsenjata lis-socjeta` intimata, sabiex jigi operat l-istazzjon tat-televizjon maghruf bhala 'Family TV'

Illi fuq dan l-istess apparat teknologiku debitament konsenjat, is-socjeta` intimata ghad ghandha debitu pendenti ammontanti ghal tietin elf, mitejn u sebgha u sebghin ewro u wiehed u tietin centezmu (€ 30,277.31), *oltre* imghaxijiet kummercjali skont il-*late payment directive* bir-rata ta' 10.25%, sad-data tal-pagament effettiv;

Illi s-socjeta` intimata baqghet inadempjenti *nonostante* li giet interpellata diversi drabi sabiex thallas dan l-ammont dovut;

Illi dan id-debitu tas-socjeta` intimata fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti huwa cert, likwidu u skadut *ai termini* tal-**artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, u fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti, is-socjeta` intimata m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza ;

Illi huwa jaf dawn il-fatti personaIrnent, u jinsab awtorizzat jaghmel din id-dikjarazzjoni;

Ghaldaqstant l-esponenti titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :

1. Tiddikjara lis-socjeta` rikorrenti kreditrici tas-socjeta` intimata fis-somma ta' tletin elf, mitejn u sebgha u sebghin ewro u wiehed u tletin centezmu (€30,277.31) rapprezentanti bilanc ta' prezz akbar, *oltre* imghaxijiet kummercjali skont il-*late payment directive* bir-rata ta' 10.25% sad-data tal-pagament effettiv; u

2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' tletin elf, mitejn u sebgha u sebghin ewro u wiehed u tletin centezmu (€30,277.31) rapprezentanti bilanc ta' prezz *oltre* imghaxijiet kummercjali skond il-*late payment directive* bir-rata ta' 10.25% sad-data tal-pagamet effettiv; u

3. Tiddeciedi l-kawza bid-dipensa tas-smigh *ai termini* tal-**Art 167 ta' Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandati ta' sekwestru u ta' qbid ipprezentati kontestwalment ma' dan ir-rikors, u bl-imghaxijiet legali ulterjuri dovuti kontra s-socjeta` intimata, li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti l-ohra.

Rat li s-socjeta` intimata Far-Fetched Media Ltd debitament notifikata fiz-zmien preskritt mil-ligi baqghet kontumaci u msejha tliet dabriet lanqas ma dehret.

Rat ix-xhieda ta' Winston Degiorgio fis-seduta tallum 15 ta' Ottubru 2009.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smigh tal-kawza, skont il-procedura tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Proceduri Civili.

Tiddeciedi billi **tilqa' t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti** kif dedotti fir-rikors guramentat, bl-imghax ulterjuri mitlub u bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------